MALTA

# QORTI TAL-MAGISTRATI (MALTA)

# BHALA QORTI TA' GUDIKATURA KRIMINALI

## MAGISTRAT DR.

## ANTONIO MICALLEF TRIGONA

Seduta tal-31 ta' Dicembru, 2014

Numru 1302/2014

Il-Pulizija

Spettur Josric Mifsud

vs

Arlen Bellotti

Il-Qorti,

Rat l-imputazzjonijiet kontra l-imputat ta' karta ta' identita' 330297m akkuzat talli nhar it-30 ta' Dicembru 2014, gewwa Triq San Mikiel, Cospicua, ghal habta ta' bejn is-siegha u nofs u s-saghtejn nieqes ghaxra ta' wara nofsinhar;

1. ikkometta offizi ta' natura gravi u per durata fuq il-persuna ta' Romina Bellotti, ommu;

2. fl-istess jum, lok, hin u cirkostanzi, volontarjament kiser il-bon ordni jew il-kwiet tal-pubbliku, b'ghajjat u bil-glied, u dan bi ksur tal-Artikolu 338 tal-Kapitolu 9, tal-Ligijiet ta' Malta;

Il-Qorti mitluba sabiex f'kaz ta' htija tapplika l-Artikolu 383 tal-Kap 9 tal-Ligijiet ta' Malta, ghal xi zmien li thoss xieraq.

Mitluba wkoll li tohrog ordni ta' protezzjoni, inklusa fil-mori tal-kawza kontra Arlen Bellotti, a beneficju ta' ommu Romina Bellotti u dan fit-termini tal-Artikolu 412C tal-Kap 9 tal-Ligijiet ta' Malta.

Semghat lill-imputat jammetti l-akkuzi fl-liema ammissjoni baqa' jinsisti anke wara li l-Qorti taghtu zmien jikkonsidra.

Rat l-ati u d-dokumenti kollha;

Ikkunsidrat:

Stante l-ammissjoni volontarja u inkondizzjonata tal-imputat tiddikjarah u ssibu hati tal-akkuzi migjuba kontra tieghu.

Rat l-istqarrija legalment rilaxxata minnu.

Rat l-Artikolu 216 u 17(d) tal-Kap 9.

Tikkundannah sena prigunerija li bl-applikazzjoni tal-Artikolu 28 A tal-Kap 9 qeghda tissospendihom ghal erba snin mill-lum. Tapplika wkoll kontra tieghu l-Artikolu 412 C tac-citat Kap billi tohrog ordni ta' protezzjoni kontra tieghu favur ommu ghal tlett snin mill-lum.

Il-Qorti spjegat lill-imputat ir-respnsabilitajiet tieghu skond is-sentenza.

## < Sentenza Finali >

-------------------------------TMIEM-------------------------------